Minuti tat-38 laqgha tal-hames Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Gimgha 12 ta' Gunju, 2009. Il-laqgha nbdiet hin 6.40pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Dimitrius Agius |
| | Carmen Vella |
| | Sunta Camilleri |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-37 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tas-37 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Festa 2009 u l-Infiorata.**

2.1 Il-Kunsill ikkonferma l-attivita' kulturali tat-3 ta' Lulju fejn banda taljana ser taghti kuncert gewwa l-Gharb liema attivita giet approvata waqt il-35 laqgha.

2.2 Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Infiorata ghandha issir u t-temi ghandhom jinkludu it-temi Ewopej li gew stipulati fl-applikazzjoni tal-fondi ghat-town twinning. Gew proposti wkoll Frenc ta' l-Gharb u George Pisani.

2.3 Il-Kunsill iddiskuta min ser jipprepara id-dizinn. Is-Sindku spjega illi Ruben Camilleri din is-sena huwa indispost u ma accettax li jiddizinja l-Infiorata ghax huwa impenjat. Is-Sindku spjega wkoll illi huwa ikkuntattja lil Michael Bajada li wkoll huwa impenjat u zied jghid li dan ta' l-ahhar issuggerixxa lil Giovann Cassar jew Joseph Cauchi biex jiddizinjaw l-Infiorata.

2.4 Raymond Cassar staqsa jekk Ruben Camilleri jaccettax jekk il-Kunsill joffrilu hlas. Gie spjegat illi dan ga sar is-sena precedenti. Is-Sindku spjega kif Ruben qallu li xi hadd mill-Kunsilliera mar staqsih kemm tiswa l-Infiorata. Is-Sindku wera d-dispjacir tieghu li informazzjoni ma tohrogx tajjeb mill-Kunsill peress li l-kontijiet dejjem jghaddu mil-laqgha biex jigu approvati u jkunu disponsibbli ghall-informazzjoni ta' kulhadd. Il-Kunsillieri kollha qablu li

ma kienx hemm problemi ta' dan it-tip peress li l-kontijiet dejjem jghaddu mil-laqghat tal-Kunsill.

2.5 Saru diversi suggerimenti mill-kunsilliera dwar min jista' jaghmel dan ix-xoghol ta' dizinn fosthom Norbert Attard, Amanda Vella, Odette Camilleri jew xi studenti li jistghu ikunu jafu jpittru. Il-Kunsill qabel li bhala l-ewwel ghazla ghandha tigi kkuntattjata Odette Camilleri.

## 3. Gemellagg Gharb / Comunita' Collinare Colli Tortonesi / Veglie

3.1 Il-Kunsill iddiskuta ir-rapport dwar il-gemellagg propost li gie ippreparat skond kif mitluba fl-Avviz Legali LN144/2009 li jirregola il-gemellaggi. Kopja tar-rapport inghatat lill-membri kollha u qed tigi annessa mal-Minuti. Ir-rapport gie approvat unanimament u l-Kunsill qabel li dan ghandu jintbaghat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghall-approvazzjoni mehtiega.

3.2 Il-Kunsill qabel li ghalkemm il-Kunsill qieghed fil-perjodu tranzitorju bejn il-hames u s-sitt legizlatura tieghu, u ghadhom ma hargux ir-rizultati tal-elezzjonijiet, ghandhom jibqghu ghaddejjin il-preparamenti ghal dan il-gemellagg.

## 4. Ittra ta' direzzjoni.

4.1 Giet trattata l-ittra ta' direzzjoni tal-Awdituri ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Marzu, 2009. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir ir-risposta kif mitlub mil-ligi.

## 5.0 Approvazzjoni ta' hlasijiet.

5.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa, liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

5.2 Il-Kunsill approva wkoll il-hlas ta' €838.59 bhala bilanc dovut fuq lill-MEPA fuq l-applikazzjoni PA2151/09 li saret in konnessjoni mar-rijabilitazzjoni ta' hitan tas-sejjieh li ghalihom saret applikazzjoni taht ir-Rural Development Fund approvata fil-laqgha precedenti.

## 6.0 Korrispondenza.

6.1 Giet trattata l-korrispondenza segwenti:-

6.2 Minn Dr. Angele Formosa ittra lill Street Naming Committee kkupjata lill-Kunsill fir-rigward tal-oggezzjoni ta' John Stern ta' 'Pheonix' Triq Birbuba ghat-twahhil ta' tabella tal-isem tat-triq Trejqa tas-Sisien Sqaq Nru 2 peress li qed jghidu li din hija propjeta' privata. Il-Kunsill qabel li sakemm ma jkunx mitlub mill-Street Naming

Committee sabiex jintervejni ghandu jhalli lil dan il-kumitat jindirizza din il-korrispondenza peress li l-ittra kienet indirizzat lilhom.

6.3 Minn Patrijiet Agostinjani dwar Premju San Nikola minn Tolentino. Raymond Cassar ippropona li tigi innominata Salvina Portelli. Il-Kunsill qabel unanimament.

7. Formulazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti.

7.1 Peress li din hija l-ahhar laqgha ghal din il-legizlatura tal-Kunsill qabel it-tmien tal-kariga, il-Minuti ta' din il-laqgha gew ifformulati, inqraw u gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.

Il-laqgha spiccat hin 8.00pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezkeuttiv